# Ir-Redentur: Storja, arti u kult

Prof. R. Ellul-Micallef



Nixtieq nibda billi nizzihajr lill-Kapitlu tal-Bażilika tal-Isla u speċjalment lill-Arċipriet Robin Camilleri tal-istedina sabiex nagħmel reċensjoni qasira, bil-Malti, tat-tnedija tal-ktieb *"Ir-Redentur: History, Art and Cult of the Miraculous Effigy of Christ the Redeemer." Ir-Redentur: Storja, arti u kult,* editjat tajjeb ħafna mir-Reverendu Jonathan Farrugia. Inqis din l-istedina bħala privileġġ, privileġġ bl-ebda mod mistħoqq. Nistqarr li ħadt pjaċir naqrah. Il-ktieb ifformat minn żewġ partijiet, l-ewwel nofs storiku, u t-tieni nofs pjuttost tekniku. Wara daħla għall-ktieb, imlaħħma sew, mill-Arċipriet Robin Camilleri, li tissintetizza l-fażijiet differenti li għaddiet minnhom l-istatwa mirakuluża tar-Redentur, xogħol xjentifiku maħdum b'reqqa kbira. Dan il-ktieb jiġbor fih żewġ kapitli; fl-opinjoni tiegħi, miktubin tajjeb ħafna, imsejsin fuq riċerka li qed tidher għall-ewwel darba f'dan il-ktieb. Sandro Debono kiteb, b'mod l-iżjed interessanti fuq l-ikona tar-Redentur u fuq l-istorja tad-diversi Misteri, kif kienu jsejħu l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira fl-Isla. Kiteb b'mod awtorevoli, kif diversi skulturi u statwarji, bħal pereżempju Alessandro Algardi, Melchiorre Cafà u Pietro Paolo Azzopardi, setgħu influwenzaw artistikament lil min ħadem il-figura tar-Redentur. Sandro Debono wera kif intlaħqet il-qima u d-devozzjoni lejn l-istatwa tar-Redentur lejn l-1805 fi żmien meta kien hemm diġá devozzjoni kbira lejn il-kurċifiss kbir fl-Oratorju tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, li kien ġie miġjub minn Ruma fl-1736, minn Francesco Varios, spejjeż tiegħu.

Nistqarr li qrajt it-tieni kapitlu, miktub tajjeb ferm mill-Kanonku Jonathan Farrugia b'interess kbir. Sejba, b'kumbinazzjoni, ta' kaxxa issiġillata, li kienet ilha ma tinfetaħ mijiet ta' snin, issarrfet tassew f'teżor ta' manuskritti, l-iktar, f'numru ta' minuti li ġew miflija b'reqqa u sengħa mill-kittieb ta' dan il-kapitlu. Bis-saħħa ta' din is-sejba, ix-xogħol fuq l-Isla tal-mikbi Patri Alessandro Bonnici sejjer ikollu jiġi rivedut. Jiżvelalna Jonathan, li issa sejrin inkunu nafu b'ċertezza min sawwar l-istatwa tar-Redentur. L-iskultur ikkommissjonat biex jagħmel dan ix-xogħol ma kien ħadd ħlief Saverio La Ferla li għex, probabbilment bejn 1695 u 1761, u kien oriġinarjament barbier. Ix-xogħol tlesta lejn l-1742. La Ferla kien l-ewwel statwarju Malti li ħaddem it-teknika tal-kartapesta. Dan l-istatwarju ħadem bosta vari, inklużi numru ta' vari għall-fratellanza tal-Kurċifiss tal-Belt, li tagħha kien fratell. Ħadem vari oħrajn għall-parroċċa tan-Naxxar u ta' Ħaż-Żebbug. L-istatwa tar-Redentur ġiet irrestawratha diversi drabi, mhux dejjem bl-aqwa sengħa. Fost ir-ristawraturi l-iktar magħrufa kien hemm l-iskultur Carlo Darmanin, imsejjaħCarlozzu li għex bejn 1825 u 1909. Persuna oħra li fdawlha f'idejha r-restawr tar-Redentur darbtejn fl-1889 u fl-1895, kien antenat tiegħi, il-kaptan ta' xini, Aloisio Gaffiero, magħruf bħala Luigi li kien attiv ħafna fil-Konfraternitá tal-Kurċifiss tal-Isla, fis-seklu tmintax. Nannti, omm ommi, kienet in-neputija tal-isqof Senglean, Salvatore Gaffiero li ghex bejn 1828 u 1906. Ħuha Antonio, u kuġinuha Vittorio, kienu t-tnejn kanonċi tal-Isla. Joħroġ ċar mix-xogħol tal-Kanonku Farrugia li n-niċċa li tħaddan fiha l-istatwa tar-Redentur, kienet maħsubha biex isservi t'armarju.

Il-kapitlu fuq il-konservazzjoni u r-restawr tal-istatwa tar-Redentur jagħti fid-dettall kif ġiet

evalwata l-ħsara li sofriet l-istatwa matul iż-żminijiet u kif sar ix-xogħol ta' restawr. Xogħol li sar b'sengħa kbira minn Valentina Lupo u Maria Grazia Zanzani mill-*Atelier del Restauro*. Ix-xogħol beda f'Mejju ta' 2017. Fil-fatt l-aħħar ħarġa tal-istatwa qabel ma beda r-restawr seħħet fil-Ġimgħa l-Kbira f'April ta' qabel. Kienu ħafna dawk li taw il-kontribuzzjonijiet tagħhom. L-ewwel biċċa xogħol saret f'Ħal Far minn Christopher Galea, fejn l-istatwa ġiet skenjata fid-Dipartiment tad-Dwana. Shawn Borg tal-*Medavia Technics,* permezz ta' apparat speċjali, l-*borescope* eżamina l-intern tal-istatwa. Xogħol validu ieħor sar mill-esperti u nies tekniċi tal-*Heritage Malta.* Fil-ktieb insibu l-kontribut li taw Matthew Grima tat-taqsima tad-*Diagnostic Science Labs* u Michael Formosa tal-*Wood Conservation Division.* Dan tal-aħħar ħadem mill-qrib ma' Dr Benedetto Pizzo mill-*Istituto per la Valorizzazione del Legno* ta' Firenze. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ saret fit-tlieta ta' Marzu tas-sena l-oħra.

L-istatwa tar-Redentur, meqjusa minn bosta, bħala statwa mirakoluza, hi, mingħajr l-beda dubju, teżor nazzjonali, ikona tal-fidi tal-poplu Malti, li matul is-snin baqgħet tiġbed lejha eluf ta' devoti, minn kull rokna ta' dawn il-gżejjer. *Midsea Books* u l-fotografu Joseph Borg tawna ktieb interessanti ħafna u ta' livell editorjali għoli ferm.

Ħaqqhom prosit huma wkoll.

RAY'S STORE

200, TWO GATES STREET, SENGLEA

JAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA LIS-SENGLEANI KOLLHA

